MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1493/2004

**Practical Trading Company Limited**

**Vs**

**John Falzon**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm547.73c) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut.

Fir-Risposta tieghu l-konvenut eccepixxa li l-ammont reklamat huwa eccessiv. Parti minnu huwa mhallas. Il-konvenut qal ukoll li ghandu jiehu ghaxra fil-mija (10%) *commission* fuq il-bejgh tal-gelat u rifuzjoni ta' prezz ghall-merkanzija li giet irritornata.

Fil-Kontro-Talba tieghu l-konvenut talab li jithallas l-ammont ta' mitejn u sebgha u hamsin lira Maltin u tletin centezmu (Lm257.30c) bhala ghaxra fil-mija (10%) *commission* fuq il-bejgh tal-gelat, is-somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) bhala ritorn ta' gelat li dab wara hsara fil-*freezer* tas-socjeta' attrici u disgha u hamsin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm59.16c) bhala ritorn ta' *juices* u *crisps* li skadew.  B'kollox total ta' tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u sitta w erbghin centezmu (Lm376.46c).

Fir-Risposta ghall-Kontro-Talba s-socjeta' attrici qalet li m'hemm l-ebda ammont dovut bhala *commission* fuq il-bejgh tal-gelat ghaliex *commission* kien dovut biss fuq in-*net sales* jekk il-gelat jinxtara b'*cash sale*.  Il-konvenut xtara l-gelat bl-*invoice*.  Fil-fatt l-*invoices* ghadhom pendenti.  Il-konvenut qatt ma rritorna l-gelat u s-socjeta' attrici m'hijiex responsabbli ghall-hsara waqt li l-gelat kien fil-pussess tal-konvenut.  Mhux minnu li sar xi ritorn ta' *juices* jew *crisps* skaduti.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Stephen Sullivan, Managing Director tas-socjeta' attrici, spjega li l-ammont dovut huwa dak mitlub fl-Avviz.  Wara li gie pprezentat l-Avviz il-konvenut kien mar l-ufficcju u qal li kien ser jibda jhallas.  Stephen Sullivan qal li fuq il-gelat kien hemm *commission* ta' ghaxra fil-mija (10%) jekk il-kont jithallas *on delivery*.

Ra l-Affidavit tal-konvenut fejn qal li kien sar ftehim ma' Charles Axisa li l-konvenut kellu dritt ghal ghaxra fil-mija (10%) *commission*.  Il-konvenut qal li qatt ma rcieva dan il-*commission*.  Il-konvenut qal li kellu dritt ghal tlett mija u hdax-il lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm311.96c) *commission*.

Il-konvenut esebixxa l-ftehim dwar il-*freezer*.  Il-konvenut qal li l-istess Charles Axisa kien accetta li jiehu l-*freezer* u l-gelat li nhall izda qatt ma kien hallas is-sittin lira Maltin (Lm60) tal-gelat li nhall.  Il-konvenut qal li l-ammont li kellu

jhallas hu kien ta’ hames mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm545.23c) imnaqqsin bl-ammont ta’ tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm30.90c) ghall-*invoice* tad-19 ta’ Mejju, 2003 li kienet imhallsa.

Fil-kontro-ezami Stephen Sullivan qal meta jsir ftehim dwar *commission* dan ikun bil-miktub.

Paul Cassar xehed li fl-ahhar ta’ l-istagun is-socjeta’ attrici kienet taghti ghaxra fil-mija (10%) *discount*. Cassar xehed li dan il-ftehim kien bil-fomm, u l-ftehim kien sar meta Sullivan ma kienx prezenti. Paul Cassar qal li hu wkoll kellu kwistjoni mas-socjeta’ attrici. Cassar qal li kien gabar xi gelat lura.

Illi l-konvenut qieghed jghid li l-ammont ta’ hames mija u hamsa w erbghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm545.23c) huwa dovut lis-socjeta’ attrici hlief ghal tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm30.90c). Il-konvenut jghid ukoll li ghandu jiehu *commission* u rifuzjoni ta’ affarijiet ritornati.

Illi l-konvenut ma gabx bizzejjed provi dwar il-*commission* u dwar l-allegat affarijiet ritornati. Hu jibbaza l-allegazzjoni dwar *commission* fuq l-allegat ftehim ma’ Charles Axisa izda naqas li jtella’ lil dan Axisa bhala xhud.

Il-konvenut ma gab l-ebda dokument li juri li hu rritorna xi affarijiet. Mhux minnu li skond il-ftehim is-socjeta’ attrici kellha thallas ghall-gelat li jdub fil-*freezer*. Il-konvenut m’esebixxa l-ebda ittra fejn talab li jithallas ta’ xi ammont qabel ma nfethet din il-kawza. Fl-i*statements*, fl-*invoices* jew *cash sales* m’hemmx referenza ghal xi *commission* ta’ ghaxara fil-mija (10%) u jekk il-konvenut verament kellu xi ftehim dwar dan missu lmenta dak il-hin u mhux ikompli jiehu l-prodott minghajr ma jsemmi xejn.

Ghaldaqstant il-Kontro-Talba hi michuda. Illi l-konvenut fil-fatt ipprezenta forma ta’ Avviz tat-talba minflok talba. Ghal kull buon fini jigi ddikjarat li t-talba tal-konvenut hi michuda.

Illi a fol 28 tal-process hemm *statement* li turi li l-ammont dovut huwa ta’ hames mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm547.73c). Illi skond l-attur l-ammont ta’ tletin lira Maltin u disghin centezmu (Lm30.90c) gie kkunsidrat fil-kontijiet tas-socjeta’ attrici. Il-konvenut naqas li jipprezenta provi konvincenti dwar l-allegat hlas.

It-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hames mija u sebgha w erbghin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm547.73c) bl-imghax mid-data tal-konsenja u bl-ispejjez ta’ din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------